DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/898

tal-15 ta' Mejju 2025

li temenda l-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim Monetarju tas-17 ta' Diċembru 2009 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni u l-Vatikan ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

(2) L-Artikolu 8(1) tal-Ftehim jirrekjedi li l-Vatikan jimplimenta l-atti legali u r-regoli tal-Unjoni dwar il-karti u l-muniti tal-euro, il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, tal-frodi u tal-iffalsifikar ta' mezzi ta' pagament kemm ta' flus kontanti kif ukoll mezzi oħra; midalji u tokens u rekwiżiti tar-rappurtar statistiku. Dawn l-atti u r-regoli huma elenkati fl-Anness tal-Ftehim Monetarju.

(3) Jenħtieġ li l-Anness tal-Ftehim Monetarju jiġi emendat mill-Kummissjoni kull sena biex jitqiesu l-atti legali u r-regoli l-ġodda rilevanti tal-Unjoni u l-emendi ta' dawk eżistenti.

(4) Xi atti legali u regoli tal-Unjoni ma għadhomx rilevanti aktar u għalhekk jenħtieġ li jitħassru mill-Anness, filwaqt li ġew adottati jew emendati atti legali u regoli rilevanti oħra tal-Unjoni u jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness.

(5) Għalhekk, l-Anness tal-Ftehim Monetarju jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tal-Ftehim Monetarju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU C 28, 4.2.2010, p. 13.

ANNESS

"ANNESS

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
	Prevenzjoni tal-ħasil tal-flus	
1	**Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/JHA** tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1)	
2	**Id-Direttiva 2014/42/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39)	Il-31 ta' Diċembru 2016[2]
3	**Ir-Regolament (UE) 2015/847** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2017[3]
4	**Ir-Regolament (UE) 2023/1113** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 1–39)	Il-31 ta' Diċembru 2026[12]
5	**Id-Direttiva (UE) 2015/849** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73) Emendata bi:	Il-31 ta' Diċembru 2017[3]
5-1	Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43)	Il-31 ta' Marzu 2020[6]
5-2	Issupplimentata minn: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi (ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1) Emendat bi:	Il-31 ta' Diċembru 2017[5]
5-2-1	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/105 tas-27 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675, fir-rigward taż-żieda tal-Etjopja mal-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir fit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 19, 24.1.2018, p. 1)	Il-31 ta' Marzu 2019[6]
5-2-2	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/212 tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward taż-żieda tas-Sri Lanka, Trinidad u Tobago u t-Tuneżija fit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 41, 14.2.2018, p. 4)	Il-31 ta' Marzu 2019[6]

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
5-2-3	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1467 tas-27 ta' Lulju 2018 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward taż-żieda tal-Pakistan mat-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 246, 2.10.2018, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2019[7]
5-2-4	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/855 tas-7 ta' Mejju 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-inklużjoni tal-Bahamas, il-Barbados, il-Botswana, il-Kambodja, il-Ghana, il-Ġamajka, il-Mauritius, il-Mongolja, il-Myanmar/Burma, in-Nikaragwa, il-Panama u ż-Żimbabwe fit-tabella fil-punt I tal-Anness u t-tneħħija tal-Bożnija-Ħerzegovina, l-Etjopja, il-Guyana, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Laos, is-Sri Lanka u t-Tuneżija minn din it-tabella (ĠU L 195, 19.6.2020, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2022[9]
5-2-5	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/37 tas-7 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tat-tneħħija tal-Mongolja mit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L 14, 18.1.2021, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2023[9]
5-2-6	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/229 tas-7 ta' Jannar 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward taż-żieda tal-Burkina Faso, il-Gżejjer Cayman, il-Haiti, il-Ġordan, il-Mali, il-Marokk, il-Filippini, is-Senegal u s-Sudan t'Isfel mat-tabella fil-punt I tal-Anness u t-tħassir tal-Bahamas, il-Botswana, il-Ghana, l-Iraq, u Mauritius minn din it-tabella (ĠU L 39, 21.2.2022, p. 4)	Il-31 ta' Diċembru 2024[10]
5-2-7	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/410 tad-19 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 fir-rigward taż-żieda tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Ġibiltà, il-Mozambique, it-Tanzanija u l-Emirati Għarab Magħquda mat-tabella I tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 u t-tħassir tan-Nikaragwa, il-Pakistan u ż-Żimbabwe minn dik it-tabella (ĠU L 59, 24.2.2023, p. 3)	Il-31 ta' Diċembru 2025[11]
5-2-8	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1219 tas-17 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 fir-rigward taż-żieda tan-Niġerja u tal-Afrika t'Isfel fit-tabella fil-punt I tal-Anness u t-tħassir tal-Kambodja u l-Marokk minn dik it-tabella (ĠU L 160, 26.6.2023, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2025[12]
5-2-9	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2070 tat-18 ta' Awwissu 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 biex il-Kamerun u l-Vjetnam jiżdiedu mal-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir (ĠU L 239, 28.9.2023, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2025[12]
5-2-10	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/163 tat-12 ta' Diċembru 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/1675 fir-rigward tat-tneħħija tal-Gżejjer Cayman u l-Ġordan mit-tabella fil-punt I tal-Anness (ĠU L, 2024/163, 18.1.2024)	Il-31 ta' Diċembru 2025[12]

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
5-3	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/758 tal-31 ta' Jannar 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-azzjoni minima u t-tipi ta' miżuri addizzjonali li jridu jittieħdu mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji sabiex irażżnu r-riskju mill-ħasil tal-flus u mill-finanzjament tat-terroriżmu f'ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 125, 14.5.2019, p. 4)	
5-4	Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 1–39)	Il-31 ta' Diċembru 2026[12]
6	**Ir-Regolament (UE) 2018/1672** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti dħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 (ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6)	Il-31 ta' Diċembru 2021[7]
7	**Id-Direttiva (UE) 2018/1673** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali. (ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22)	Il-31 ta' Diċembru 2021[7]
8	**Ir-Regolament (UE) 2024/1624** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024)	Il-31 ta' Diċembru 2028[12]
9	**Id-Direttiva (UE) 2024/1640** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L, 2024/1640, 19.6.2024)	Il-31 ta' Diċembru 2028[12]
10	**Ir-Regolament (UE) 2024/1620** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024)	Il-31 ta' Diċembru 2028[12]
	Prevenzjoni tal-frodi u tal-iffalsifikar	
11	**Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001** tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6)	Il-31 ta' Diċembru 2010

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
	Emendat bi:	
11-1	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1338/2001 li jistabbilixxi l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni kontra l-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 1)	
12	**Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2182/2004** tas-6 ta' Diċembru 2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2010
	Emendat bi:	
12-1	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 46/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2182/2004 dwar midalji u tokens simili għall-muniti tal-euro (ĠU L 17, 22.1.2009, p. 5)	
13	**Id-Direttiva 2014/62/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI (ĠU L 151, 21.5.2014, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2016[2]
14	**Id-Direttiva (UE) 2019/713** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI (ĠU L 123, 10.5.2019, p. 18)	Il-31 ta' Diċembru 2021[7]
	Regoli dwar il-karti u l-muniti tal-euro	
15	**Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999** dwar is-sistema għall-immaniġġjar tal-kwalità għall-muniti tal-euro	Il-31 ta' Diċembru 2010
16	**Il-Linja ta' gwida BĊE/2003/5 tal-Bank Ċentrali Ewropew** tal-20 ta' Marzu 2003 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus euro (ĠU L 78, 25.3.2003, p. 20).	Il-31 ta' Diċembru 2010
	Emendata bi:	
16-1	Il-Linja gwida BĊE/2013/11 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' April 2013 li temenda l-Linja gwida BĊE/2003/5 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 43)	Il-31 ta' Diċembru 2014[1]
16-2	Il-Linja gwida (UE) 2020/2091 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2003/5 dwar l-infurzar ta' miżuri kontra r-riproduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro irregolari u dwar il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2020/61) (ĠU L 423, 15.12.2020, p. 65)	It-30 ta' Settembru 2022[9]
17	**Id-Deċiżjoni BĊE/2010/14 tal-Bank Ċentrali Ewropew** tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2012
	Emendata bi:	
17-1	Id-Deċiżjoni BĊE/2012/19 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Settembru 2012 (ĠU L 253, 20.9.2012, p. 19)	Il-31 ta' Diċembru 2013[1]

	Dispożizzjonijiet Legali li għandhom jiġu implimentati	Skadenza għall-implimentazzjoni
17-2	Id-Deċiżjoni (UE) 2019/2195 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/14 dwar il-verifika tal-awtenticità u l-kundizzjoni u r-riċirkolazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro (BĊE/2019/39) (ĠU L 330, 20.12.2019, p. 91)	Il-31 ta' Diċembru 2021[8]
18	**Ir-Regolament (UE) Nru 1210/2010** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 339, 22.12.2010, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2012
19	**Ir-Regolament (UE) Nru 651/2012** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ħruġ tal-muniti tal-euro (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 135)	Il-31 ta' Diċembru 2013[1]
20	**Id-Deċiżjoni BĊE/2013/10 tal-Bank Ċentrali Ewropew** tad-19 ta' April 2013 dwar id-denominazzjonijiet, l-ispeċifikazzjonijiet, ir-riproduzzjoni, il-bdil u l-irtirar tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 118, 30.4.2013, p. 37) Emendata bi:	Il-31 ta' Diċembru 2014[1]
20-1	Id-Deċiżjoni (UE) 2019/669 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' April 2019 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/10 dwar id-denominazzjonijiet, speċifikazzjonijiet, riproduzzjoni, skambju u rtirar ta' karti tal-flus tal-euro (ĠU L 113, 29.4.2019, p. 6)	Il-31 ta' Diċembru 2020[7]
20-2	Id-Deċiżjoni (UE) 2020/2090 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/10 dwar id-denominazzjonijiet, speċifikazzjonijiet, riproduzzjoni, skambju u rtirar ta' karti tal-flus tal-euro (BĊE/2020/60) (ĠU L 423, 15.12.2020, p. 62)	It-30 ta' Settembru 2022[9]
21	**Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 729/2014** tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (Riformulazzjoni) (ĠU L 194, 2.7.2014, p. 1)	It-30 ta' Settembru 2014[2]

Taqsima tal-Anness tal-Ftehim Monetarju f'konformità mal-ftehim *ad hoc* tal-Kumitat Konġunt fuq talba mis-Santa Sede u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan dwar l-inklużjoni ta' regoli relevanti applikabbli għal entitajiet li jwettqu attivitajiet fuq bażi professjonali

	Partijiet rilevanti tal-istrumenti legali li ġejjin	Skadenza għall-implimentazzjoni
22	**Id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE** tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1) Emendata bi:	Il-31 ta' Diċembru 2016[2]
22-1	Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28)	
22-2	Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16)	
22-3	Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1)	

	Partijiet rilevanti tal-istrumenti legali li ġejjin	Skadenza għall-implimentazzjoni
23	**Id-Direttiva 2013/36/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338) Emendata bi:	Il-31 ta' Diċembru 2017[2]
23-1	Id-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2021 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward ta' rekwiżiti ta' informazzjoni, governanza tal-prodotti u limiti ta' pożizzjoni, u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/878 fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom għad-ditti tal-investiment, għas-sostenn tal-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 14)	Il-31 ta' Diċembru 2023[9]
24	**Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1) u l-miżuri ta' livell 2 relatati, kif xieraq Emendat bi:	Il-31 ta' Diċembru 2017[2]
24-1	Ir-Regolament (UE) 2017/2395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' arranġamenti transizzjonali biex jittaffa l-impatt tal-introduzzjoni tal-IFRS 9 fuq il-fondi proprji u għat-trattament tal-iskoperturi l-kbar ta' ċerti skoperturi fis-settur pubbliku denominati fil-munita domestika ta' kwalunkwe Stat Membru (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 27)	It-30 ta' Ġunju 2019[6]
24-2	Ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1)	Il-31 ta' Marzu 2020[6]
24-3	Ir-Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-kopertura minima għat-telf għal skoperturi improduttivi (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 4)	Il-31 ta' Diċembru 2020[7]
24-4	Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1)	Il-31 ta' Diċembru 2023[8]
24-5	Ir-Regolament (UE) 2020/873 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-24 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward ta' ċerti aġġustamenti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 204, 26.6.2020, p. 4)	Il-31 ta' Diċembru 2022 (bl-eċċezzjoni tal-punt (4) tal-Artikolu 1 - il-31 ta' Diċembru 2023)[9]
24-6	Ir-Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' aġġustamenti għall-qafas ta' titolizzazzjoni bħala appoġġ għall-irkupru ekonomiku b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 25)	Il-31 ta' Diċembru 2023 (bl-eċċezzjoni tal-punti (2) u (4) tal-Artikolu 1 - il-31 ta' Diċembru 2024)[9]

	Partijiet rilevanti tal-istrumenti legali li ġejjin	Skadenza għall-implimentazzjoni
25	**Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1) u l-miżuri relatati tal-livell 2 kif xieraq Emendat bi:	It-30 ta' Settembru 2018[4]
25-1	Ir-Regolament (UE) 2016/1033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-abbuż tas-suq u r-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (ĠU L 175, 30.6.2016, p. 1)	It-30 ta' Settembru 2018[5]
26	**Id-Direttiva 2014/57/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 179)	It-30 ta' Settembru 2018[4]
	Leġiżlazzjoni dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika*	
29	**Il-Linja gwida BĊE/2013/24 tal-Bank Ċentrali Ewropew** tal-25 ta' Lulju 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (ĠU L 2, 7.1.2014, p. 34) Emendata bi:	Il-31 ta' Diċembru 2016[2]
29-1	Il-Linja Gwida (UE) 2016/66 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Novembru 2015 li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2013/24 dwar l-obbligi ta' rappurtar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2015/40) (ĠU L 14, 21.1.2016, p. 36)	Il-31 ta' Marzu 2017[4]
29-2	Il-Linja Gwida (UE) 2020/1553 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Ottubru 2020 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2013/24 dwar l-obbligi ta' rappurtar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam ta' kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2020/51) (ĠU L 354, 26.10.2020, p. 24)	Il-31 ta' Diċembru 2022[9]
29-3	Il-Linja Gwida (UE) tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2021/827 tad-29 ta' April 2021 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2013/24 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2021/20) (ĠU L 184, 25.5.2021, p. 4)	Il-31 ta' Diċembru 2022[9]
30	**Ir-Regolament (UE) 2021/379** tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Jannar 2021 dwar l-entrati tal-karta bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni) (BĊE/2021/2) (ĠU L 73, 3.3.2021, p. 16)	Il-31 ta' Diċembru 2022[9]
31	**Ir-Regolament (UE) Nru 1072/2013** tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar statistika fuq rati ta' mgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/34) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 51) Emendat bi:	Il-31 ta' Diċembru 2016[2]
31-1	Ir-Regolament (UE) Nru 756/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Lulju 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1072/2013 (BĊE/2013/34) dwar statistika fuq rati ta' mgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2014/30) (ĠU L 205, 12.7.2014, p. 14)	

	Partijiet rilevanti tal-istrumenti legali li ġejjin	Skadenza għall-implimentazzjoni
32	**Il-Linja Gwida (UE) 2021/830** tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Marzu 2021 dwar statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ u statistika dwar ir-rati tal-imgħax ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2021/11) Emendata bi:	Il-31 ta' Diċembru 2022[9]
32-1	Il-Linja Gwida (UE) 2022/67 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Jannar 2022 li temenda l-Linja Gwida (UE) 2021/830 dwar statistika tal-partiti tal-karta tal-bilanċ u statistika dwar ir-rati tal-imgħax ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2022/1) (ĠU L 11, 18.1.2022, p. 56-57)	Il-31 ta' Diċembru 2023[10]

(1) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2013.
(2) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2014.
(3) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2015.
(4) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2016.
(5) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2017.
(6) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2018.
(7) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2019.
(8) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2020.
(9) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2021.
(10) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2022.
(11) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2023.
(12) Dawn l-iskadenzi kienu maqbula mill-Kumitat Konġunt tal-2024.
* Kif maqbul skont il-mudell dwar ir-rappurtar statistiku ssimplifikat"